REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 707/2009

tal-5 ta' Awwissu 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u l-investiment dirett barrani, fir-rigward tal-aġġornament tar-rekwiżiti ta' dejta

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 184/2005 jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni sistematika ta' statistiċi tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani.

(2) Minħabba l-bidliet ekonomiċi u l-iżviluppi tekniċi fil-qasam tal-bilanċ tal-pagamenti, jeħtieġ li jiġu aġġornati b'mod regolari ir-rekwiżiti tad-dejta u li jiġi adottat il-livell ta' analiżi stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 184/2005

(3) L-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1161/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta Lulju 2005 dwar il-kompilazzjoni ta' kontabilità mhux finanzjarja ta' kull tliet xhur mis-settur istituzzjonali [2] rriżulta fi ħtieġa għall-bilanċ addizzjonali ta' statistiċi ta' pagamenti.

(4) Sabiex titjieb il-preċiżjoni tal-aggregati għad-dħul u l-kont kurrenti fil-livell Komunitarju, biex tkun assigurata l-konsistenza bejn il-metodu ta' aggregazzjoni għal Dħul minn Investiment tal-Portafoll (kont kurrenti) u flussi tal-Investiment tal-Portafoll (kont finanzjarju), u biex tkun assigurata konsistenza bejn il-kalkoli tal-Kummissjoni Ewropea (Eurostat) u dawk tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), hu meħtieġ li jiġu introdotti ċerti emendi tar-rekwiżiti tad-dejta f'Tabella 1 "Indikaturi tal-euro tal-bilanċ ta' pagamenti" u Tabella 2 "Statistika ta' kull tliet xhur ta' bilanċ ta' pagamenti" tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 184/2005.

(5) L-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea u l-adozzjoni tal-euro mis-Slovenja, Ċipru, Malta u s-Slovakkja jeħtieġu bidliet korrispondenti li jridu jsiru fit-Tabella 6 "Livelli ta' analiżi Ġeografika" tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 184/2005.

(6) Wara l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika fl-attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika [3], hu meħtieġ li jiġu adottati l-livelli ta' analiżi tal-attività fit-Tabella 7 "Livelli ta' analiżi tal-attività" tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 184/2005.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament, huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Bilanċ tal-Pagamenti stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 184/2005,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni

Joaquín ALMUNIA

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 35, 8.2.2005, p. 23.
[2] ĠU L 191, 22.7.2005, p. 22.
[3] ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

ANNESS

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 huwa emendat kif ġej:

1. Mill-ewwel perjodu ta' referenza fl-2009, punt 1 hu mibdul b'dan li ġej:

"1. **Indikaturi tal-Euro tal-Bilanċ ta' Pagamenti**

BOP Q Dejta ta' kull tliet xhur	Data ta' skadenza: t + 3 xhur (1) Perjodiċità: Perjodu L-ewwel perjodu ta' referenza: l-ewwel kwart tal-2009		
	Il-kreditu	Debitu	Nett
Kont kurrenti			
Merkanzija	Extra-UE	Extra-UE	Extra-UE
Servizzi	Extra UE	Extra UE	Extra UE
Dħul			
— Il-kumpens tal-impjegati	Extra-UE	Extra-UE	Extra-UE
— Dħul minn Investiment			
— Investiment Dirett	Extra-UE	Extra-UE	Extra-UE
— Investiment tal-Portafoll	Extra UE		Dinja
— Investiment ieħor	Extra-UE	Extra-UE	Extra-UE
Trasferimenti kurrenti	Extra-UE	Extra-UE	Extra-UE

(1) t = perjodu ta' referenza (kull sena jew kull tliet xhur)."

2. Mill-ewwel perjodu ta' referenza fl-2009, il-punt 2 hu mibdul b'dan li ġej:

"2. **Statistiċi ta' kull tliet xhur tal-bilanċ tal-pagamenti**

BOP Q Dejta ta' kull tliet xhur	Data ta' skadenza: t + 3 xhur Perjodiċità: Perjodu L-ewwel perjodu ta' referenza: l-ewwel kwart tal-2009		
	Il-kreditu	Debitu	Nett
I. **Kont kurrenti**	Dinja	Dinja	Dinja
Merkanzija	Livell 1	Livell 1	Livell 1
Servizzi	Livell 1	Livell 1	Livell 1
Transport	Livell 1	Livell 1	Livell 1
L-ivjaġġar	Livell 1	Livell 1	Livell 1
Servizzi ta' komunikazzjoni	Livell 1	Livell 1	Livell 1
Servizzi ta' kostruzzjoni	Livell 1	Livell 1	Livell 1
Servizzi ta' assigurazzjoni	Livell 1	Livell 1	Livell 1
Is-servizzi finanzjarji	Livell 1	Livell 1	Livell 1
Kompjuter u servizzi ta' informazzjoni	Livell 1	Livell 1	Livell 1
Drittijiet u ħlasijiet ta' liċenzji	Livell 1	Livell 1	Livell 1
Servizzi oħra tan-negozju	Livell 1	Livell 1	Livell 1
Servizzi personali, kulturali, u ta' divertiment	Livell 1	Livell 1	Livell 1
Servizzi tal-gvern, mhux inklużi x'imkien ieħor.	Livell 1	Livell 1	Livell 1

BOP Q Dejta ta' kull tliet xhur	Data ta' skadenza: t + 3 xhur Perjodiċità: Perjodu L-ewwel perjodu ta' referenza: l-ewwel kwart tal-2009		
	Il-kreditu	Debitu	Nett
Dħul	Dinja	Dinja	Dinja
Il-kumpens tal-impjegati	Livell 1	Livell 1	Livell 1
Dħul minn Investiment	Dinja	Dinja	Dinja
— Investiment Dirett	Livell 1	Livell 1	Livell 1
Dħul minn ishma	(1)	(1)	(1)
Dividenti u qligħ li jitqassam	(1)	(1)	(1)
Dħul ri-investit u qligħ li ma jitqassamx	(1)	(1)	(1)
Dħul fuq id-debitu (imgħax)	(1)	(1)	(1)
— Investiment tal-Portafoll	livell 1		Dinja
Dħul minn ishma	(1)		Dinja
Dħul fuq id-debitu (imgħax)	(1)		Dinja
— Investiment ieħor	Livell 1	Livell 1	Livell 1
Imgħax BPM5 (mhux aġġustat għal FISIM)	(1)	(1)	(1)
Dħul attribwit lid-detenturi ta' polza ta' assigurazzjoni	(1)	(1)	(1)
Oħrajn	(1)	(1)	(1)
Dħul ta' Oġġetti ta' Memorandum			
Imgħax SNA93 - Dħul fl-investiment (aġġustat għal FISIM)	(1)		Dinja
Valur tal-FISIM	(1)	(1)	(1)
Dħul fl-investiment - Imgħax BPM5 (aġġustat għal FISIM)	(1)		Dinja
Dħul fl-investiment – għajr l-imgħax	(1)		Dinja
Trasferimenti kurrenti	Livell 1	Livell 1	Livell 1
Il-Gvern Ġenerali	(1)	(1)	(1)
It-taxxi fuq il-prodotti	(1)	(1)	(1)
Taxxi oħra fuq il-produzzjoni	(1)	(1)	(1)
Sussidji fuq il-prodotti	(1)	(1)	(1)
Sussidji oħrajn fuq il-produzzjoni	(1)	(1)	(1)
It-taxxi fuq id-dħul, il-ġid, eċċ.	(1)	(1)	(1)
Kontribuzzjonijiet soċjali	(1)	(1)	(1)
Benefiċċji soċjali minbarra trasferimenti soċjali mhux monetarji	(1)	(1)	(1)
Trasferimenti kurrenti oħrajn tal-gvern ġenerali n.i.e.	(1)	(1)	(1)
Setturi oħra	(1)	(1)	(1)
Pagamenti tal-impjegati	(1)	(1)	(1)

BOP Q Dejta ta' kull tliet xhur	Data ta' skadenza: t + 3 xhur Perjodiċità: Perjodu L-ewwel perjodu ta' referenza: l-ewwel kwart tal-2009		
	Il-kreditu	Debitu	Nett
Trasferimenti oħra privati	(1)	(1)	(1)
It-taxxi fuq il-prodotti	(1)	(1)	(1)
Taxxi oħra fuq il-produzzjoni	(1)	(1)	(1)
Sussidji fuq il-prodotti	(1)	(1)	(1)
Sussidji oħrajn fuq il-produzzjoni	(1)	(1)	(1)
It-taxxi fuq id-dħul, il-ġid, eċċ.	(1)	(1)	(1)
Kontribuzzjonijiet soċjali	(1)	(1)	(1)
Benefiċċji soċjali minbarra trasferimenti soċjali mhux monetarji	(1)	(1)	(1)
Primjums netti tal-assigurazzjonijiet li mhumiex fuq il-ħajja	(1)	(1)	(1)
Klejms tal-assigurazzjonijiet li mhumiex fuq il-ħajja	(1)	(1)	(1)
Trasferimenti kurrenti oħrajn ta' setturi oħrajn n.i.e.	(1)	(1)	(1)
L-aġġustamenti għall-bidla fl-interess nett tal-unitajiet domestiċi fir-riserva tal-fondi tal-pensjonijiet	(1)	(1)	(1)
II. **Kont kapitali**	Livell 1	Livell 1	Livell 1
Trasferimenti ta' kapital	(1)	(1)	(1)
Taxxi fuq il-kapital	(1)	(1)	(1)
Għotjiet ta' investiment u trasferimenti tal-kapital oħrajn	(1)	(1)	(1)
Akkwist/trasferiment ta' assi mhux prodotti, mhux finanzjarji	(1)	(1)	(1)
	Assi netti	Reponsabbiltajiet netti	Nett
III. **Kont finanzjarju**			
Investiment Dirett			Livell 1
Barra mill-pajjiż			Livell 1
— Kapital tal-ishma			Livell 1
— Qligħ riinvestit			Livell 1
— Kapital ieħor			Livell 1
Fl-ekonomija dikjaranti			Livell 1
— Kapital tal-ishma			Livell 1
— Qligħ riinvestit			Livell 1
— Kapital ieħor			Livell 1
Investiment tal-Portafoll	Livell 1	Dinja	
Id-derivati finanzjarji			Dinja
Investiment ieħor	Livell 1	Livell 1	Livell 1
Assi ta' riżerva uffiċjali	Dinja		
IV. **Żbalji netti u omissjonijiet**			Dinja

(1) Id-Dinja, Intra-UE, fiż-Żona tal-Euro, Extra Żona tal-Euro, Istituzzjonijiet tal-UE"

3. Il-punt 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fit-tabella, il-kolonna "Livell 1" hi emendata kif ġej:

(i) l-entrata "D3 UE-25 (Intra-UE-25)" hi mibdula bl-entrata "V1 UE-27 (Intra-UE-27)";

(ii) l-entrata "D5 Extra-UE-25" hi mibdula bl-entrata "V2 Extra-UE-27";

(iii) l-entrata "Z8 Extra-UE-25 mhux allokati" hi mibdula bl-entrata "Z8 Extra-UE-27 mhux allokati";

(b) fit-tabella, il-kolonna "Level 2" hi emendata kif ġej:

(i) l-entrata "D3 UE-25 (Intra-UE-25)" hi mibdula bl-entrata "V1 UE-27 Intra-UE-27)";

(ii) l-entrata "D5 Extra-UE-25" hi mibdula bl-entrata "V2 Extra-UE-27";

(iii) l-entrata "BG Bulgarija" hija mħassra;

(iv) l-entrata "RO Rumanija" hija mħassra;

(v) l-entrata "Z8 Extra-UE-25 mhux allokati" hi mibdula bl-entrata "Z8 Extra UE-27 mhux allokati";

(c) fit-tabella, il-kolonna "Livell 3" hi emendata kif ġej:

(i) l-entrata "CS Serbja u Montenegro" hija mħassra;

(ii) l-entrata "ME Montenegro" hi mdaħħla wara l-entrata "MD Moldova, Repubblika ta'";

(iii) l-entrata "RS Serbja" hi mdaħħla wara l-entrata "QA Qatar".

4. Bit-trażmissjoni annwali bħala l-bidu fl-2011 punt 7 ġie mibdul b'dan li ġej:

"7. **Livelli ta' analiżi ta' attività**

Livell 1	Livell 2	NACE Rev. 2
	AGRIKOLTURA, FORESTRIJA U SAJD	sec A
MINJIERI U BARRIERI	**MINJIERI U BARRIERI**	taqsima B
	L-estrazzjoni ta' żejt mhux raffinat, gass naturali u attivitajiet ta' servizzi ta' sapport marbuta mal-minjieri	div 06, 09
MANIFATTURA	**MANIFATTURA**	taqsima C
	Prodotti tal-ikel, xorb u tabakk	div 10, 11, 12
	TOTAL ta' attivitajiet ta' tessuti u ta' injam	div 13, 14, 16, 17, 18
	Tessuti u oġġetti li jintlibsu	div 13, 14
	Injam, karta, stampar u riproduzzjoni	div 16, 17, 18
Żejt mhux raffinat, kimiċi, prodotti farmaċewtiċi, prodotti tal-gomma u tal-plastik	TOTAL ta' żejt mhux raffinat, kimiċi, prodotti farmaċewtiċi, prodotti tal-gomma u tal-plastik	div 19, 20, 21, 22

Livell 1	Livell 2	NACE Rev. 2
	Prodotti mill-Kokk u miż-żejt raffinat	div 19
	Kimiċi u prodotti kimiċi	div 20
	Prodotti mill-gomma u mill-plastik	div 22
	TOTAL ta' prodotti tal-metall u tal-makkinarju	div 24, 25, 26, 28
	Metalli bażiċi u prodotti ta' metall iffabbrikat	div 24, 25
Prodotti tal-kompjuter, elettroniċi u ottiċi	Prodotti tal-kompjuter, elettroniċi u ottiċi	div 26
	Makkinarju u tagħmir m.k.b.	div 28
Vetturi, tagħmir ta' trasport ieħor	TOTAL ta' vetturi & tagħmir ta' trasport ieħor	div 29, 30
	Vetturi bil-mutur, trejlers jew semi-trejlers	div 29
	Tagħmir tat-trasport ieħor	div 30
	TOTAL ta' manifattura oħra	div 15, 23, 27, 31, 32, 33
PROVVISTA TA' ELETTRIKU, GASS, STIM U ARJA KKUNDIZZJONATA	**PROVVISTA TA' ELETTRIKU, GASS, STIM U ARJA KKUNDIZZJONATA**	taqsima D
PROVVISTA tal-ILMA SISTEMA TA' DRENAĠĠI, IMMANIĠĠAR tal-ISKART U ATTIVITAJIET TA' RIMEDJAZZJONI	**PROVVISTA tal-ILMA SISTEMA TA' DRENAĠĠI, IMMANIĠĠAR tal-ISKART U ATTIVITAJIET TA' RIMEDJAZZJONI**	taqsima E
	Il-ġbir, it-trattament u l-provvista tal-ilma	div 36
	Sistema ta' drenaġġi, immaniġġar tal-iskart u attivitajiet ta' rimedjazzjoni	div 37, 38, 39
IL-KOSTRUZZJONI	**IL-KOSTRUZZJONI**	taqsima F
TOTAL TA' SERVIZZI	**TOTAL TA' SERVIZZI**	taqsima G, H, I, J, K, L, M, N O, P, Q, R, S, T, U
NEGOZJU BL-INGROSSA U BL-IMNUT; TISWIJA TA' VETTURI BIL-MUTUR U TA' MUTURI	**NEGOZJU BL-INGROSSA U BL-IMNUT; TISWIJA TA' VETTURI BIL-MUTUR U TA' MUTURI**	taqsima G
	Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut u tiswija ta' vetturi bil-mutur u ta' muturi	div 45
	Kummerċ bl-ingrossa, ħlief għall-vetturi bil-mutur u muturi	div 46
	Kummerċ bl-imnut, ħlief għall-vetturi bil-mutur u muturi	div 47
TRASPORTAZZJONI U ĦŻIN TAL-MERKANZIJA	**TRASPORTAZZJONI U ĦŻIN TAL-MERKANZIJA**	taqsima H
	TOTAL ta' trasport u ħżin tal-merkanzija	div 49, 50, 51, 52
	Trasport minn fuq l-art u trasport minn ġol-katusi	div 49

Livell 1	Livell 2	NACE Rev. 2
	Trasport fuq l-ilma	div 50
	Trasport bl-ajru	div 51
	Il-ħżin tal-merkanzija u attivatijiet ta' sapport għat-trasportazzjoni	div 52
	Attivitajiet ta' posta u dawk ta' kurjer	div 53
AKKOMODAZZJONI U ATTIVITAJIET TA' SERVIZZ TA' IKEL	**AKKOMODAZZJONI U ATTIVITAJIET TA' SERVIZZ TA' IKEL**	taqsima I
INFORMAZZJONI U KOMUNIKAZZJONI	**INFORMAZZJONI U KOMUNIKAZZJONI**	taqsima J
	Attivitajiet ċinematografiċi, ta' vidjo, produzzjoni ta' programmi għat-televixin u attivitajiet ta' divertiment oħrajn	div 59, 60
	Telekomunikazzjonijiet	div 61
	Attivitajiet oħra ta' informazzjoni u komunikazzjoni	div 58, 62, 63
ATTIVITAJIET FINANZJARJI U tal-ASSIGURAZZJONI	**ATTIVITAJIET FINANZJARJI U tal-ASSIGURAZZJONI**	taqsima K
	Intermedjazzjoni finanzjarja, ħlief il-fondi ġejjin mill-assigurazzjoni jew mill-pensjoni	div 64
	Attivitajiet ta' kumpaniji possedenti	grupp 64.2
	Assigurazzjoni, fondi ġejjin minn assigurazzjoni fuq oħra u minn pensjoni, ħlief għas-sigurtà soċjali obbligatorja	div 65
	Attivitajiet finanzjarji oħra	div 66
	ATTIVITAJIET TA' PROPJETÀ TA' BENI IMMOBBLI	taqsima L
ATTIVITAJIET PROFESSJONALI, XJENTIFIĊI U TEKNIĊI	**ATTIVITAJIET PROFESSJONALI, XJENTIFIĊI U TEKNIĊI**	taqsima M
	Attivitajiet legali u dawk marbuta mal-kontabilità	div 69
	Attivitajiet legali	grupp 69.1
	Attivitajiet marbuta mal-kontabilità, maż-żamma tal-kotba u mal-verifika; konsulenza dwar it-taxxa	grupp 69.2
	Attivitajiet tal-kwartieri ġenerali; attivitajiet ta' konsulenza maniġerjali	div 70
	Attivitajiet tal-kwartieri ġenerali;	grupp 70.1
	Attivitajiet ta' konsulenza maniġerjali	grupp 70.2
	Attivitajiet ta' arkitettura u ta' inġinerija ittestjar u analiżi tekniċi	div 71
Riċerka xjentifika u żvilupp	Riċerka xjentifika u żvilupp	div 72
	Reklamar u analiżi tas-suq	div 73

Livell 1	Livell 2	NACE Rev. 2
	Reklamar	grupp 73.1
	Analiżi tas-suq u stħarriġ tal-opinjoni pubblika	grupp 73.2
	Attivitajiet oħra professjonali, kemm xjentifiċi kif ukoll tekniċi, u attivitajiet veterinarji	div 74, 75
	ATTIVITAJIET AMMINISTRATTIVI U TA' SERVIZZI TA' SAPPORT	taqsima N
	Attivitajiet ta' kiri u ta' kiri fit-tul	div 77
	Attivitajiet amministrattivi oħra u dawk marbuta ma' servizzi ta' sapport	div 78, 79, 80, 81, 82
	L-EDUKAZZJONI	taqsima P
	ATTIVITAJIET TA' SAĦĦA UMANA U TA' ĦIDMA SOĊJALI	taqsima Q
ARTI, DIVERTIMENT U RIKREAZZJONI	**ARTI, DIVERTIMENT U RIKREAZZJONI**	taqsima R
	Attivitajiet kreattivi, marbuta mal-arti u mad-divertiment	div 90
	Libreriji, arkivji, mużewijiet u attivitajiet kulturali oħra	div 91
	Attivitajiet ta' sport u oħrajn marbuta ma' rikreazzjoni; attivitajiet tal-logħob tal-flus u l-imħatri	div 92, 93
	ATTIVITAJIET TA' SERVIZZI OĦRA	taqsima S
	Attivitajiet ta' organizzazzjonijiet bi sħubija	div 94
	Tiswija ta' kompjuters u ta' oġġetti personali u tad-dar, attivitajiet oħra ta' servizz personali	div 95, 96
	Mhux allokati	
	Xiri privat u bejgħ ta proprjetà immobbli"	